MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 9/1989/1

**Rikors numru 9/89BDM**

**Jessie sive Josephine Vella, Mary Debono, Costantino Cachia, Lily Cachia, Paul Cachia, Concetta Gatt, Paola Gatt, Mary Gatt, Guza Iavarone, John Vella u Nicholas Vella**

**Vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Bord,**

Ra ir-rikors fejn Jessie Vella et wara li ppremettiet illi :

1. B'ittra ufficjali datata l-15 ta' Novembru, 1984, il-Kummissarju tal-Art, l-intimat, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Att nru. 1/1983 innotifikata lill-esponenti b'kopja ta' rizoluzzjoni approvata mill-Parlament fl-4 ta' Lulju, 1983, li tirrigwarda diversi *arei* ghall-izvilupp tal-Bini, flimkien mal-pjanta tal-*area* ta' Birkirkara, imsejjha 'Taz-Zwejt' mil-

liema *area* l-esponenti ghandhom bicca art *ossia* interess fuq bicca art.

*2.* L-esponenti huma proprjetarji tal-ghalqa fil-limiti ta’ Birkirkara fit-triq li tiehu ghall-Misrah Lewza u ghall-Hal Balzan, kontrada ta’ Misrah Lewza msejjha ‘Ta’ German’, ta’ kejl ta’ tommna, erba’ sieghan u erba’ kejliet u tmiss mill-Punent ma’ sqaq imsejjah ‘Ta’ Cens’, minn Nofs in-Nhar ta’ triq u mit-tramuntana ma’ beni ma’ Ingazio tal-Melh.

*3.* Wara li l-esponenti gew notifikati bl-ittra ufficjali fuq imsemmija, huma, fil-14 ta’ Jannar, 1985, ipprezentaw ittra ufficjali kontra l-intimat li fiha nformaw lill-intimat li huma jridu jmorru quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg Dwar l-Artijiet sabiex jigi deciz mill-istess Bord l-ammont ta’ kumpens li ghandhom jircievu minn ghand il-Kummissarju tal-Artijiet u dan skond il-jedd moghti lill-esponenti b’att 1/1983 Klawsola 5/(3).

Talbu li dan il-Bord ghall-finijiet tal-Att 1.1983 :

a. Jiddeciedi l-jedd tal-esponenti fuq l-art in kwistjoni ;

b. Jiddeciedi u jistabbilixxi l-ammont ta’ kumpens li ghalih ghandhom il-jedd l-esponenti ; u

c. Jordna u jikkundanna lill-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet ihallas lill-esponenti dak il-kumpens hekk likwidat minn dana il-Bord.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju ta’ l-Art fejn espona illi :

1. Huwa gie notifikat bir-rikors ipprezentat mill-atturi ;

2. L-esponenti qieghed jirrimetti ruhu ghal kwalunkwe decizjoni ta’ dana l-Onorabbli Bord.

Ra r-rikors ta Grazio Bartolo, Maria Bartolo, John Bartolo, Harry Bartolo u Brian Bartolo tad-9 ta Lulju 2003 fejn iddikjaraw illi ghandhom titolu ta subenfitewsi perpetwa fuq parti mis-sit in kwistjoni sa l-kejl superficjali ta 256 qasab kwadri u talbu li jintervjenu fil=-kawza ‘in statu et terminis’.

Ra d-degriet tieghu tal-14 ta Awissu 2003 permezz ta liema ammetta lil Grazio Bartolo, Maria Bartolo, John Bartolo, Harry Bartolo u Brian Bartolo li jintervjenu fil-kawza ‘in statu et terminis’.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Ra d-dokumenti esibiti;

Ra l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidra:-

Illi ghal dak li jirigwarda il-prova tat-titolu li tispetta lir-rikorrenti, dawn isosstnu illi huwa lkoll l-aventi kawza minn Clement Borg, bin il-mejtin Giovanni u Maria nee’ Grima, imwieled u residenti Birkirkara, li kien akkwista l-art in kwistjoni, **ossia sitt settimi (6/7) indivizi taghha**, b’kuntratt ta l-1 ta Frar 1970 fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut, esibit a fol. 15 tal-process.

Skond l-affidavit inkontestat ta Mary Gatt, il-wirt ta Celement Borg, li miet intestate, ghadda ghand ibnu John Borg, li miet ukoll intestat, u l-wirt ta dan f’ghadda porzjonijiet egwali ta kwart (1/4) kull wiehed/a ghand iz-zijiet tieghu:
**1)** Joseph Gatt li tieghu l-eredi universali hija r-rikorrenti **Mary Gatt** bl-usufrutt ta l-istess porzjon imholli lir-rikorrenti **Paola Gatt**
**2) Concetta Gatt,** rikorrenti,
**3)** Elena Vella li taghha huma eredi ir-rikorrenti **Jessie sive Josephine Vella, John Vella** u **Nicholas Vella** u
**4)** Carmela Cachia li halliet bhala eredi taghha lir-rikorrenti **Mary Debono, Guza Iavarone, Costantino Cachia** u lill-mejjet John Cachia f’kwoti egwali, bil-wirt ta John Cachia jghaddi fuq ir-rikorrenti l-ohra **Lily Cachia** inkwantu ghall kwart (1/4) u **Paul Cachia** in kwantu ghall tlett kwarti (3/4).

Dan ma gie b’ebda mod ribattut mill-allegazzjonijiet ta’ l-intervenuti fil-kawza billi jirrizulta mid-dokumenti esibiti li l-kuntratt tat-18 ta April 1971 fl-atti tan-Nutar Dr. Giuseppe

Sammut, li huma ppresentaw bhala l-origini tat-titolu minnhom pretiz fuq xi aparti mill-ghalqa *de quo,* kien gie rexiss b'kuntratt sussegwenti tal-31 ta Jannar 1973 (Atti Nutar Dr. John Micallef Trigona), liema rexissjoni giet regolarment insinwata fid-9 ta Frar 1973.

Ghalhekk ir-rikorrenti waslu ghall-prova li huma kompropjetarji ta porzjoni ta sitt settimi (6/7) indivisi tal-art ossia tal-ghalqa fil-limiti ta' Birkirkara fit-triq li tiehu ghall-Misrah Lewza u ghall-Hal Balzan, kontrada ta' Misrah Lewza msejjha 'Ta' German', ta' kejl ta' tommna, erba' sieghan u erba' kejliet u tmiss mill-Punent ma' sqaq imsejjah 'Ta' Cens', minn Nofs in-Nhar ta' triq u mit-tramuntana ma' beni ma' Ingazio tal-Melh.

Dwar ir-rimanenti settima parti (1/7), billi jirrizulta mill-atti indikati mill-intervenuti fil-kawza u mir-rexissjonijiet relattivi illi l-istess imsemmi Clemente Borg, kien qed jikkuntratta ma terzi bhala propjetarju ta' l-intiera ghalqa *de quo* sa mis-sena 1971, il-Bord isib illi dan jikkostitwixxi prova bizzejjed li l-istess Clement Borg kien anke propjetarju ta din il-kwota li waslet ghand ir-rikorrenti fil-kwoti digia' stabbiliti.

Dawn il-kwoti huma s-segwenti :

<u>Concetta Gatt</u> : kwart (1/4)
<u>Mary Gatt</u> : kwart (1/4) sugett ghall-usufrutt favur <u>Paola Gatt</u>
<u>John Vella, Jessie Vella u Nicholas Vella</u> : dodicesima parti (1/12) kull wiehed/a
<u>Maria Debono, Guza Iavarrone u Constantino Cachia</u> : sedicesima parti (1/16) kull wiehed/a
<u>Lily Cachia</u> : parti minn erba u sittin parti (1/64)
<u>Paul Cachia</u> : tlett partijiet minn erba u sittin parti (3/64)

Billi skond ir-relazzjoni tal-periti assessuri, hawn annessa bhala parti integrali ta' din id-decizjoni, wara li gew mehuda in konsiderazzjoni l-fatturi kollha li jinfluwixxu fuq ix-xiri assolut kif regolat mill-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici u a tenur ta' l-Art 5(3) u 7

tal-Att 1/1983 ta’l-Building Permits Temporary Provisions Act (Att X ta’l 1988), il-Bord qed jistma’ l-bicca ghalqa fil-limiti ta’ Birkirkara fit-triq li tiehu ghall-Misrah Lewza u ghall-Hal Balzan, kontrada ta’ Misrah Lewza msejjha ‘Ta’ German’, ta’ kejl ta’ tommna, erba’ sieghan u erba’ kejliet u tmiss mill-Punent ma’ sqaq imsejjah ‘Ta’ Cens’, minn Nofs in-Nhar ta’ triq u mit-tramuntana ma’ beni ma’ Ingazio tal-Melh.u indikata bhala plot Nru 7 fl-inhawi ta Triq Guza Borg u Triq taz-Zwejt, Taz-Zwejt, Birkirkara (pjanti fil 58 u 59) fis-somma ta hames mija u tmenin lira (LM580) ghall-intier, libera u franka.

Ghaldaqstant jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u, fil-waqt li jiddikjara li ghandhom jedd ghall-ghaqla *de quo,* jikkundanna lill- intimat sabiex ihallas l-imsemmija somma ta Lm580 kif hawn fuq likwidata lir-rikorrenti fil-kwoti taghhom rispettivi, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-esproprjazzjoni u, billi huwa opportun, jordna li l-pagament isir b’att pubbliku u ghal dan il-fini l-Bord jinnomina lin-Nutar Dr. Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment tal-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv fil-15 ta Marzu 2006 fit-4.00 p.m. fl-ufficju tal-intimat u jinnomina lill-Avukat Dr. Simon Cachia LL.D. sabiex jidher ghall-kontumaci fuq l-att..

L-ispejjes ta' din il-procedura jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------